*Iżda fis jarġa'*
*jibda t-twerdin*
*U . . . ġwienħu arahom*
*hemm mifruxin*

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

Dun Karm huwa verament dak li l-kritiku jgħid għall-arti 'a mirror of his age'. Il-bniedem li tana l-versifikazzjoni, id-dizzjoni kif ukoll l-ogħla u l-aqwa poeżija ta' lsienna, kien ukoll il-mera tas-soċjetà ta' żmienu, u fetaħ it-triq lil poeti l-oħra ta' warajh biex jimxu fuq l-istess idejali tiegħu. Ġorġ Pisani, Patri Delia, Ġużè Chetcuti u saħansitra Rużar Briffa juru l-istess sentimenti, l-istess aspetti soċjali li ħaddem l-ewwel darba Dun Karm, il-poeta tas-soċjetà Maltija.

## DUN KARM

*Meta niftakar fik, qassis qalbieni,*
*U nara l-ġmiel u l-għerf ta' l-għanja tiegħek,*
*Nitkabbar li fit-triq ħabbejtek kmieni*
*U ktieb id-dawl dikment ħabbibni miegħek.*

*Nibqa' narak fl-imħabba, wens tal-ħajja,*
*Fil-ġmiel tal-ward, tas-sħab, tal-baħar tagħna,*
*Fix-xtajta, fil-widien, fil-għerf bil-qtajja',*
*U fil-qalb bienja min tat-tfal daħkana;*

*Fl-egħlieqi qodma ta' missirijietna*
*U d-drawwiet tagħhom; u fil-ġens qalbieni*
*Tal-gżira mxemxa, l-omm li wisq ħabbitna,*
*Fil-lwien tax-xefaq ta' filgħodu kmieni.*

*Għannej Nisrani, kewkba ewlenija,*
*Werrej fid-dlam tal-lum, kewkba Maltija.*

15.x.62. J. ZAMMIT TABONA